ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2013**

| **Il-Ħames Sena** | **L-ISTUDJI SOĊJALI** | **IL-Ħin: Siegħa u Kwart** |
|---|---|---|

**L-Isem:** ________________________________ **Il-Klassi:** ________________

IT-TOTAL TAL-MARKI

**AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ:**

- Imla ismek u l-klassi.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ippruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.

## 1. Aqra, imbagħad wieġeb.



Ir-rapport tat-temp jagħtina informazzjoni dwar it-temp. Jgħidilna kif x'aktarx se jkun it-temp fil-jum li jmiss. Immarka bis-sinjal (✓) dawk il-**ħames affarijiet** li nistgħu nisimgħu fir-rapport tat-temp.

| | | |
|---|---|---|
| 1 | kemm tkun għamlet xita matul il-jum | |
| 2 | kemm se jkunu l-indiċi UV | |
| 3 | l-aħbarijiet mill-Italja | |
| 4 | il-films li jkunu se jintwerew fiċ-ċinema | |
| 5 | id-direzzjoni tar-riħ | |
| 6 | it-toroq li se jkunu magħluqin minħabba tiswijiet | |
| 7 | it-temperatura matul il-jum u matul il-lejl | |
| 8 | l-inċidenti tat-traffiku li kellna fl-aħħar 24 siegħa | |
| 9 | it-temperaturi f'xi bliet kapitali | |
| 10 | kotba ġodda | |

(marka 1 x 5 = 5 marki)

## 2. Wara li taqra d-dati sew, kompli imla dawn iż-żewġ rapporti tat-temp.

Agħżel mill-kliem fil-kaxxi.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 16-il grad Celsius | temp xemxi u sabiħ | 5 mm | 9 |
| 34 grad Celsius | imsaħħab u bix-xita | xejn | 3 |

| | |
|---|---|
| DATA: | is-Sibt 10 ta' Frar |
| TEMP: | |
| RIĦ: | qawwi mill-Majjistral |
| XITA: | |
| INDIĊI UV | |
| TEMPERATURA | |



| | |
|---|---|
| DATA: | il-Ħadd 8 t'Awwissu |
| TEMP: | |
| RIĦ: | ħafif mix-Xlokk |
| XITA: | |
| INDIĊI UV | |
| TEMPERATURA | |

(marka 1 x 8 = 8 marki)

## 3. Aqta' sing taħt il-frażi l-ĦAŻINA.

1. Id-deżerti madwar id-dinja jkunu miksija (bil-blat, bir-ramel, bil-fjuri, bis-silġ).
2. F'deżert sħun insibu ħafna (ilma, ramel, muntanji, xemx).
3. F'deżert kiesaħ insibu ħafna (blat, silġ, ħamrija, ġebel).
4. F'xi deżerti madwar id-dinja nsibu (foresti, oasi, iġmla, temperaturi estremi).



(2 marki x 4 = 8 marki)

## 4. Ikteb VERU jew FALZ ħdejn dawn is-sentenzi dwar IL-BIRGU.



| | | VERU / FALZ |
|---|---|---|
| 1 | Il-Birgu jmiss mal-Port ta' Marsaxlokk. | |
| 2 | Il-Birgu huwa mibni fuq peniżola. | |
| 3 | Il-Birgu llum huwa l-belt kapitali ta' Malta. | |
| 4 | Fil-passat, il-Birgu kien imdawwar kollu bis-swar. | |
| 5 | Il-Birgu huwa magħruf ukoll bħala Città Vittoriosa. | |
| 6 | Fil-Birgu nsibu ħafna toroq wisgħin. | |
| 7 | Fil-ponta tal-Birgu nsibu l-Kastell Sant'Anġlu. | |
| 8 | Fil-Birgu nsibu knisja ddedikata lil San Lawrenz. | |

(8 marki)

## 5. Wieġeb dwar IĊ-ĊITTADELLA.



1. X'jisimha l-belt Għawdxija li tinsab ftit 'il barra miċ-Ċittadella?

   ________________________________ (2)

2. Semmi żewġ postijiet ta' interess li nistgħu naraw meta nżuru ċ-Ċittadella:

   (a)______________________________ (1)

   (b)______________________________ (1)

3. Iċ-Ċittadella nbniet biex l-Għawdxin ikollhom protezzjoni mill-pirati tal-baħar. Sib **tliet** affarijiet li għadhom jidhru sal-lum u li juru biċ-ċar li dan huwa minnu.

   1: ________________________________________________ (2)

   2: ________________________________________________ (2)

   3: ________________________________________________ (2)

4. Għaliex taħseb li anke llum, iċ-Ċittadella hija ta' benefiċċju għal pajjiżna?

   ________________________________________________ (3)

(13-il marka)



## 6. Aqra: Meta nsemmu l-Bliet Qodma tal-Gżejjer Maltin, inkunu qed nifhmu l-Imdina, il-Birgu u ċ-Ċittadella.

**Wieġeb dwar IL-BLIET QODMA TAL-GŻEJJER MALTIN.**

1. Semmi xi ħaġa li nsibuha fit-tlett ibliet qodma tal-Gżejjer Maltin.

   ________________________________________________ (2)

2. Semmi xi ħaġa li nsibuha fl-Imdina u fiċ-Ċittadella imma ma nsibuhiex fil-Birgu.

   ________________________________________________ (2)

3. Semmi xi ħaġa li mill-imgħoddi sal-lum baqgħet l-istess, jiġifieri ma nbidlitx.

   ________________________________________________ (2)

4. Semmi raġuni waħda għaliex għandna nieħdu ħsieb sew dawn it-tlett ibliet qodma, u fejn naraw xi ħsara nirranġawha, jiġifieri nirrestawrawha.

   ________________________________________________

   ________________________________________________ (3)

(9 marki)

7. Ikteb **VERU** jew **FALZ** dwar it-TURIŻMU:



| | | |
|---|---|---|
| 1 | F'Malta, it-turisti jiġu l-iktar mill-Amerika t'Isfel. | |
| 2 | Meta jkunu Malta, bosta turistu jitkellmu magħna bil-Malti. | |
| 3 | It-Tempji Megalitiċi huma popolari ħafna mat-turisti. | |
| 4 | Il-baħar huwa attrazzjoni turistika mill-aqwa. | |
| 5 | Li ma nħammġux barra hija mġiba pożittiva li tgħin lit-turiżmu. | |
| 6 | It-turiżmu jgħin lill-ekonomija Maltija. | |
| 7 | Jaqblilna meta ma jiġux ħafna turisti u noqogħdu bi kwietna. | |
| 8 | Kważi kull turist li jiġi Malta jżur il-Belt Valletta. | |
| 9 | It-turisti li jiġu Malta jgħaddu l-iktar mill-ajruport jew mill-Port il-Kbir. | |
| 10 | Mat-turisti għandna nużaw dejjem il-kortesija. | |

(10 marki)

8. **Aqra:** Pawlu, tifel Malti, iltaqa' ma' sajjied f'raħal tas-sajjieda.
**Imla l-vojt f'dan id-djalogu bejn Pawlu u s-sajjied.**



Pawlu: X'tip ta' dgħajsa tuża biex toħroġ fuq il-baħar?

Sajjied: ________________________________ (1)

Pawlu: X'tagħmel meta jkun ħafna maltemp?

Sajjied: ________________________________ (1)

Pawlu: Intom is-sajjieda kif taqbduh il-ħut?

Sajjied: ________________________________ (2)

Pawlu: Semmili xi ħuta li taqbduha ħafna fil-baħar ta' madwar Malta.

Sajjied: ________________________________ (2)

Pawlu: Meta ltqajna, inti għedtli li taħdem *part-time* bħala sajjied. Xi jfisser dan?

Sajjied: ________________________________ (2)

Pawlu: Issa tridx tistaqsini xi żewġ mistoqsijiet int?

Sajjied: Bil-qalb kollha. Inti milli jidher tinteressa ruħek dwar is-sajd. Ġieli smajt bil-kelma AKWAKULTURA?

Pawlu: Iva dażgur. Ħa ngħidlek x'inhi. Akwakultura tfisser:

________________________________

________________________________ (2)

Sajjied: Bravu. Taf tgħidli fejn qiegħed iċ-ċentru tal-akwakultura f'Malta?

Pawlu: ________________________________ (2)

Sajjied: Bravu Pawlu. Xi darba nieħdok miegħi fuq il-baħar. Saħħa.

(Total = 12-il marka)

9. **Aqra**: Ħafna xita f'daqqa, għargħar, żmien twil mingħajr xita, nixfa: dawn huma kollha eżempji ta' TEMP ESTREM.

**Ikteb żewġ problemi oħra taħt kull kolonna. Ara l-eżempji.**

| GĦARGĦAR | NIXFA |
|---|---|
| *Eżempju*: jaqgħu l-ħitan tas-sejjieħ  | *Eżempju*: ir-raba' ma jagħtiniex frott  |
| 1. ________________________________ ________________________________ ________________________________ ________________________________ | 1. ________________________________ ________________________________ ________________________________ ________________________________ |
| 2. ________________________________ ________________________________ ________________________________ ________________________________ | 2. ________________________________ ________________________________ ________________________________ ________________________________ |

(2 marki x 4 = 8 marki)

10. **IL-LOGĦOB OLIMPIKU**. Imla l-vojt bil-kliem mogħti.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Żews | taż-żwiemel | Qedem | Pierre de Coubertin | lanez |
| Olimpus | ma kinux | tlielaq | tar-rand | allat |



Il-Griegi tal- ________________ kienu jemmnu f'ħafna ____________________ . Għall-Griegi, l-akbar alla kien _______________________ . Skont l-istess Griegi, dawn l-allat kollha kienu jgħixu fuq il-muntanja _______________________________ .

Biż-żmien, il-Griegi bdew jorganizzaw logħob f'ġieħ dawn l-allat. Fost il-logħob li bdew jorganizzaw il-Griegi nsibu tiġrijiet __________________________ , twaddib ta' __________________ u _____________________ . F'dan il-logħob in-nisa _____________________ jieħdu sehem. Ir-rebbieħa kienu jiġu nkurunati b'kuruna ____________________________.

Biż-żmien il-logħob ma baqax isir sakemm fl-1861 reġa' beda jiġi organizzat mill-Franċiż _______________________________ .

(10 marki)

**Wieġeb:**



1. Bejn edizzjoni tal-Logħob Olimpiku u oħra jgħaddu _______________________ snin. (1)
2. Kemm fiha ċrieki l-bandiera tal-Logħob Olimpiku? __________________________________________ (1)
3. Xi jfissru dawn iċ-ċrieki? __________________________________________ __________________________________________ __________________________________________ (2)
4. Illum x'jingħataw ir-rebbieħa fil-Logħob Olimpiku? __________________________________________ (2)
5. X'inhu l-ideal tal-Logħob Olimpiku? __________________________________________ __________________________________________ __________________________________________ (3)

(Total = 19-il marka)

**TMIEM IL-KARTA**